DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/2112

tad-9 ta' Diċembru 2019

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 li tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/DEC.1 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 tipprevedi perijodu ta' implimentazzjoni ta' 12-il xahar tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) tagħha mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) tagħha.

(3) Fl-10 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1943 ([2]) li testendi l-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 bi 12-il xahar.

(4) Fl-24 ta' Ġunju 2019, l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW), li hija responsabbli mill-implimentazzjoni teknika tal-proġett appoġġat mid-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303, talbet l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-estensjoni tal-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 b'24 xahar għal total ta' 48 xahar.

(5) Din l-estensjoni ulterjuri tal-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 ser tippermetti lill-OPCW tkompli bl-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dik id-Deċiżjoni wara d-data ta' skadenza stabbilita fl-Artikolu 5(2) tagħha u tilħaq l-objettivi ppjanati ta' dawk l-attivitajiet, inkluż it-titjib tal-kapaċità tal-OPCW li tindirizza t-theddida tal-użu ta' armi kimiċi.

(6) L-emenda mitluba tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 tikkonċerna l-Artikolu 5(2) tagħha, u t-Taqsima 8 tal-Anness ta' dik id-Deċiżjoni fejn ir-referenza għat-tul ta' żmien tal-proġett tenħtieġ li tiġi mmodifikata.

(7) It-tkomplija tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303, kif imsemmija b'mod speċifiku fit-talba li saret mill-OPCW fl-24 ta' Ġunju 2019, tista' titwettaq mingħajr l-ebda implikazzjoni fuq ir-riżorsi.

(8) Għalhekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 jenħtieġ li tiġi emendata biex tippermetti t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dik id- Deċiżjoni, permezz tal-estensjoni tat-tul taż-żmien tagħha skont kif meħtieġ,

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2303 tat-12 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/DEC.1 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva (ĠU L 329, 13.12.2017, p. 55).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1943 tal-10 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 li tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/DEC.1 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva (ĠU L 314, 11.12.2018, p. 58).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 5(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 48 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-Kummissjoni u l-OPCW imsemmi fl-Artikolu 3(3), jew għandha tiskadi sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħha jekk dak il-ftehim ta' finanzjament ma jkunx ġie konkluż sa dak iż-żmien.".

(2) It-test tat-Taqsima 8 tal-Anness huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Tul ta' żmien stmat

It-tul ta' żmien tal-proġett huwa previst li jkun 48 xahar.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES